**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**Dr. ANNA MALLIA, LL.D.**

Seduta tal-04 ta' Marzu, 2016.

Talba Numru: 198/2015 AM3

Numru fuq il-Lista: 18

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

**vs.**

**Kevin Hayward (K.I. 536688 (M) )**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fit-18 ta' Marzu, 2015 illi permezz tiegħu s-Soċjeta′ attriċi talbet mingħand il-konvenut il-ħlas tas-somma ta' elf u hamsa u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€1025.29c) in konnessjoni ma' servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat a bazi ta' ftehim bejn il-partijiet.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-Soċjeta` attriċi s-somma ta' elf u hamsa u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€1025.29c) imgħax legali dekorribbli mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv tal-istess ammont.

L-ispejjeż huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**